Minuti tal-Laqgħa Nru. 45 tas-Seba’ Kunsill Lokali ta’ Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar il-Ġimgħa 15 ta’ Marzu 2019 fl-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sra. Denise Cutajar<br>Is-Sur. Eric Camilleri<br>Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sinjura. Lucia Massa<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri |
| Skużat | Is-Sur. Kearon Bruno |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni tal-Evaluation Reports
5. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
6. Aġġornament

**Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li s-Sur. Kearon Bruno ma setax jattendi.**

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Ma kienx hemm korezzjonijiet. Il-minuti kienu proposti mill-Kunsillier Eric Camilleri u l-Viċi Sindku.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Ma kienx hemm punti imqajjma mill-minuti.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana semma li kien tkellem mal-Kappillan biex kif ikun hemm ċans ikun ikkordinat tindif fiċ-Ċimiterju peress li kien inbidel il-persuna li tieħu ħsiebu. Is-Sindku qallu biex filkaż jitkellmu il-ġimgħa d-dieħla u jikkordinaw ġurnata.

3.2 Il-Kunsillier Caruana ressaq lista lis-Segretarju peress li kien sar il-ħin biex tibda l-laqgħa annwali. F' din il-lista kien hemm dawn l-affarijiet, meta se ssir il-one way ta' Triq il-Ġdida. Bżonn li jsir patching fit-toroq li minnhom ser jgħaddu l-purċċissjonijiet. Il-bozza ta' Bonnett li kienet għadha mhux qed tixgħel. Il-patching li kien hemm bżonn isir fejn hemm il-ħanut ta' Alfred Baldacchino. It-trasport biex jieħu lir-residenti ta' Ħal Farruġ għall polyclinic ta' Ħal Kirkop. Proposta biex Triq tal-Maħżnier isir one way. Il-bżonn li jsir maintenance fuq siġra u l-ħaxix li hemm quddiem il-Każin tal-PN. Il-maintenance biex titkompla fuq il-bibien tal-Kunsill. Bollard quddiem l-ispiżjara. Irringrazzja ukoll lill-Kunsilliera tal-attendenza waqt il-funeral t' ommu.

3.3 Is-Segretarju ressaq email li waslet fuq seminar skemi dwar stil ta' ħajja aħjar. Huwa ressaq l-istedina lill-Kunsilliera interessati.

3.4 Is-Segretarju ressaq email li kienet waslet minn naħa tal-Kunsill Lokali t' Għajnsielem fuq stedina ta' Via Crucis li qed issir fejn is-soltu jkun hemm Betlem f' Għajnsielem.

3.5 Is-Segretarju ressaq email fuq proġett li kien se jsir minn naħa tal-Women's Rights Foundation għall dawk in-nisa interesatti.

3.6 Is-Segretarju ressaq email li kienet ġiet minn naħa tat-TCTC fuq il-korsijiet li kienu se jagħmlu matul iż-żmien tas-Sajf għat tfal. Il-Kunsill Lokali kien interessat biex jiġu organiżżatti dawn il-korsijiet.

3.7 Il-Viċi Sindku semmiet li kien hemm xi fondi li jappartjenu lir-Reġjun biex neħduhom. Is-Segretarju semma li huwa kien kellem lis-Segretarju fuqhom u dan qallu biex il-flus li kellna nieħdu napplikawhom fuq inizjattivi oħrajn. Is-Sindku semma li konna se nieħdu Euro 18,000 għall latrina.

## 4.0 APPROVAZZJONI TAL-EVALUATION REPORTS

4.1 Is-Sindku semma x' kien ġara fuq l-evalwazzjoni tat-tender tal-water culverts, fejn waqt li din kienet qed issir kien innutat żball aritmetiku u l-offerenti intalbu biex jerġgħu jibgħatu il-BOQ ikkoreġutta. Huwa qal li minħabba f' hekk dak li kellu l-orħos offerta issa ġiet ogħla u għalhekk ma baqax eliġibbli. Huwa semma li kien hemm kumpanija Maltija li l-Bord kien qed jirrakkomanda għax ġiet orħos fil-prezz. Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill għandu għalhekk jagħżel din il-Kumpanija.

4.2 Is-Segretarju semma li fuq il-proġett tal-Embellishment għall Triq id-9 t' April kien hemm offerta waħda fejn dak li issottometta kellu offerta li tilħaq il-kriterji mitluba. Huwa qal li xorta saret evalwazzjoni u kien hemm rakomandazzjoni fuq din l-offerta.

4.3 Is-Sindku semma li ma kien hemm l-ebda offerent għall Miżura tal-ħitan tas-sejjiegħ. Huwa qal li kien talab lis-Segretarju biex jerġa joħroġ it-tender.

## 5.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq ħlasijiet.

## 6.0 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha il-Ġimgħa 15 ta' Marzu 2019 fil-5.30 pm. Ma kienx hemm ġurnata proposta għall laqgħa li jmiss. Is-Sindku beda bl-indirizz tiegħu għall Laqgħa Anwali.

Konfermati llum ________________________2019.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| John Schembri | Michael Portelli |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Segretarju ta' dettalji fuq kif se jkun qed isir id-dħul u l-infieq lill-pubbliku. Huwa spjega sezzjoni, sezzjoni lill-pubbliku. Is-Sindku ta' dettalji tal-ħidma li kienet saret matul is-sena l-oħra fuq id-diversi oqsma u spjega kif il-Kunsill Lokali laħaq il-miri tiegħu.

Wara id-diskors tiegħu s-Sindku fetaħ il-laqgħa għall pubbliku. Fost is-suġġeriment, kien hemm suġġeriment biex isir pool temporanju ġewwa l-Iskola, l-indafa f' kumplessi tal-bini, neighbourhood watch u suġġerimenti biex jingħataw aktar għajnuna lill-Għaqdiet Lokali. Ittieħdet nota ta' dawn is-suġġerimenti għall aktar diskussjoni mill-Kunsill Lokali.